MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1428/2004

**Elmo Insurance Limited**

**Vs**

**Angelo Tanti**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm228.21c) rapprezentanti *premiums* fuq poloz ta’ sigurta’ mahruga mill-kumpanija attrici favur il-konvenut.

Il-kumpanija attrici talbet kemm-il darba lill-konvenut biex ihallas u sa anki ntbaghtitlu Ittra Legali fid-9 ta’ Gunju, 2004 izda ghal ta’ xejn.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-Ittra Legali tad-9 ta’ Gunju, 2004 u bl-imghax ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-15 t’Ottubru, 2003 data ta’ l-ahhar partita ta’ kreditu kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema’ lil Dr David Harding jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------